# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 24 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 774/01/SM**

**Rosario Cortis**

**vs**

**Mario Cini**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u tmin mitt Lira (LM3,800), rapprezentanti kwantu tlett elef lira (Lm3,000) somma mislufa lill-konvenut mill-attur fit-8 ta' Ottubru 1998 u kwantu tmin mitt lira (Lm800) rapprezentanti l-imghaxijiet mit-8 t'Ottubru 1998 sat-8 ta' Settembru 2001;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**